MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 148/2005

Maltacom p.l.c. u b’digriet tas-6 ta’ Dicembru 2007 giet korretta ghal GO p.l.c.
vs
Michael u Mary Anne konjugi Falzon

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ippremettiet:

Illi skond id-dokumenti relattivi annessi mac-citazzjoni u immarkati “Dok A, B u C” kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta’ Maltacom p.l.c.), il-konvenuti ghandhom jaghtu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt elef hames mija, hamsa u erbghin lira Maltija u sitt centezmi (Lm6,545.06) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru tnejn, tlieta, tlieta, disgha, hamsa, wiehed (233951) gja sitta, tnejn, tlieta,

disgha, hamsa, wiehed (623951), skond il-prospett anness mac-citazzjoni u immarkat bhala “Dok D”;

Illi l-konvenuti interpellati biex ihallsu kienu baqghu inadempjenti;

Illi dan id-dejn kien cert, likwidu u ezigibbli;

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

(1) Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smigh ta’ l-kawza a tenur ta’ l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sitt elef hames mija u erbghin lira Maltin u sitt centezmi (Lm6,506);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali, tal-ittri ufficjali tat-28 ta’ Mejju 1999 u tal-11 ta’ Awissu 2000 u bl-imghaxijiet mit-28 ta’ Mejju 1999, kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat illi fid-9 ta’ Marzu 2005 il-Qorti tat il-fakulta` lill-konvenuti li jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Preliminarjament, illi kwalunkwe ammonti pretizi mill-attrici ghal servizzi rezi qabel Mejju, 1994 kienu preskritti ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16.

2. Illi, sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-ammont mitlub kien ezagerat u certament qatt ma kienu saru tant telefonati li kienu jiggustifikaw kont daqshekk gholi;

3. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici kien jirreferi ghal numru ta’ telefon ta’ ufficcju li, fil-perjodu li ghalih kien

jirreferi l-ammont mitlub, ma kienx qed jintuza mill-konvenuti imma kien amministrat mill-Perit Edward Bencini: l-ammont mitlub kien mill-bidu nett kontestat kemm mill-Perit Bencini u kemm mill-konvenuti.

4. Illi minkejja li qabel ma kienet infethet il-kawza s-socjeta` attrici ripetutament kienet intalbet taghti rendikont ta' kif waslet ghall-ammont pretiz u anke kienu saru laqghat biex tinstab soluzzjoni, il-konvenuti qatt ma kienu nghataw dan ir-rendikont.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta ta' l-20 ta' Gunju 2006 li permezz taghha l-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u ipprovdiet dwar l-ispejjez li huma riservati ghall-gudizzju finali.

Xehed il-P.L. Noel Scerri li qal li l-prospett li gie esebit mac-citazzjoni a fol 8 tal-process immarkat Dok "D" huwa prospett mizmum b'mod elettroniku fis-sistema li qed tintuza llum mill-Maltacom. Qabel dik is-sistema kien hemm sistema ohra elettronika li wkoll tkun qed izzomm rendikont ta' dawn il-kontijiet u tal-hlasijiet. Hu ipprezenta kopja ta' dan ir-rendikont kif ukoll ta dettalji ta' xi hlasijiet li saru fil-perjodu in kwistjoni. Fit-28 ta' Novembru 2006 ikkonferma bil-gurament li ghadu ma sar ebda hlas u li l-ammont ghadu dovut.

Xehed il-konvenut Perit Michael Falzon li semma li n-numru jirriferixxi ghal kontijiet tat-telefon ta' l-ufficcju tieghu izda meta kien Ministru l-ufficcju kien amministrat mill-Perit Bencini. Qal li dan l-ammont huwa ezagerat f'kull mezz minhabba l-fatt illi f'daqqa wahda ghal xi raguni l-kontijiet telghu b'mod illi wiehed anqas jista' jsib spjegazzjoni tieghu. Ix-xhud ma kienx jiehu hsieb l-ufficcju dak iz-zmien izda kien il-Perit Bencini li kien jiehu hsiebu u l-kont kien kontestat diversi drabi. Sostna li l-ammont mhux dovut u dejjem talab *breakdown* biex ikun jista' jara izda dawn il-*breakdowns* qatt ma waslu ghandu.

Gie prezentat affidavit tal-konvenut il-Perit Michael Falzon li fih issemma li hu ma kienx debitur ghall-ammont ta' Lm5776.26 allegatament dovuti ghall-perjodu qabel Mejju 1994.

Gie prezentat affidavit ta' Mary Anne Falzon li fih issemma li hi mhix debitrici fl-ammont ta' Lm5776.26 allegatament dovuti ghall-perjodu qabel Mejju 1994.

Rat l-affidavit tal-Perit Edward F. Bencini fejn issemma li hu kien ha f'idejh l-ufficju tal-Perit Michael Falzon fl-indirizz 146, Triq Santa Lucija, Valletta, bejn l-1987 u l-1996, billi l-Perit Falzon kien Ministru u ma kienx jezercita l-professjoni tieghu ta' perit. Hu kien qed isostni kif dejjem ghamel sa mill-1994 li l-ammonti li qed titlob il-Maltacom plc (dak iz-zmien it-Telemalta Corporation) huma ezagerati u li qatt ma saru telefonati mill-ufficcju taghhom li jiggustifikaw kontijiet daqstant gholjin. Hu dan kien spjegah lill-ufficjal tat-Telemalta malli rcieva l-ewwel kont ezagerat f'Gunju 1994. Spjega li bejn l-1991 u l-1994, ghal xi raguni, ma kienux qeghdin jircievu kontijiet attwali fir-rigward tan-numru 233951. Kienu pero` jircievu kontijiet dwar arretrati. F'Lulju 1994 irecevew kont li permezz tieghu ntalbu jhallsu s-somma ta' Lm7194.75. Dawn kienu jikkonsistu in kwantu Lm13 *quarterly rent*, Lm759.25 fi prezz ta' telefonati li allegatament saru bejn l-1 ta' Jannar u l-1 ta' April 1994 u Lm6422.50 f'arretrati. Hu mill-ewwel hass li kien sar xi zball, u dan ghal zewg ragunijiet. L-ewwel nett l-istess Telemalta Corporation kienet infurmathom li arretrati sa Frar 1994 kienu

jammontaw ghal Lm26.40 u ghalhekk ma kienx car minn fejn tfaccaw dawn l-arretrati ta' Lm6422.50. It-tieni nett fl-ewwel tliet xhur ta' l-1994 certament li ma kienux saru telefonati li jiggustifikaw 15185 *pulse* kif kien hemm indikat fil-kont. Il-qari kien ezagerat ghaliex jekk wiehed jiehu l-kontijiet li kienu jircievu sa l-1991, l-*average pulse reading* kien ta' 3,776 u ma kienet saret ebda zieda fl-uzu li tiggustifika qabza daqshekk kbira fil-*pulses*. Semma li kien baghat ittra fit-23 ta' Awissu 2004 lill-*General Manager* tat-Telemalta Corporation fejn spjega s-sitwazzjoni u talab investigazzjoni, izda ma rcieva ebda risposta. Semma li ntalbu jhallsu Lm1069.35 rapprezentanti hlas ghal uzu tal-linja bejn April u Gunju 1994. Mill-gdid ghalhekk rega' kiteb lill-*General Manager* tat-TeleMalta (ittra tas-16 ta' Settembru annessa bhala Dok A2 man-nota ta' eccezzjonijiet) u din id-darba, barra li talab li jsiru investigazzjonijiet, ta struzzjonijiet illi jigu *barred* it-telefonati internazzjonali mil-linja. Rega' talab ukoll li jinghata rendikont tat-telefonati li saru. Pero` f'dan ir-rigward qal li ghadu ma ngahta l-ebda informazzjoni milli talab. Ghalhekk mhux biss ma kellu f'idejh l-ebda prova min-naha tat-Maltacom li dawn it-telefonati fil-fatt saru imma lanqas ma kellu mezz li jaghmel verifiki min-naha tieghu. Qal illi mal-ittra tat-23 ta' Awissu 2004 hu kien baghat cekk ghas-somma ta' Lm2100, ghaliex fl-opinjoni tieghu wara li ra l-medja ta' *pulse readings* fis-snin ta' qabel, l-arretrati bejn l-2001 u l-2004 certament ma kellhomx jaqbzu din is-somma. Izda l-bilanc ta' l-arretrati baqa' dejjem kontestat. Sadanittant, fl-1995 il-kontijiet regghu marru lura ghan-normal ghalkemm f'kull kont baqghu jidhru l-arretrati tas-snin ta' qabel. Minbarra l-ittra li baghat kien anke cempel it-Telemalta u talab laqghat mal-ufficjali tal-Korporazzjoni. Minn Mejju 2007 ma baqax jahdem f-ufficju ta' Triq Santa Lucija u ghalhekk kien talab illi, biex zgur ma jigux mitluba jhallsu kontijiet ghal telefonati li m ghamlux, il-linja tigi sospiza (ittra tal-14 ta' April, 1997 ezebita bhala Dok A15).

Rat ix-xhieda li tal-Perit Edward F. Bencini fejn semma li c-cekk ta' Lm2100 ma kienx *in full and final settlement* u kien qed jikkontesta ammont ta' xi Lm7,000 li kienu qed jigu *claimed* bhala arretrati mill-Maltacom. Kien hemm

periti ohrajn mieghu, il-Perit Soler u l-Perit Gerald Borg. Kien l-i*staff* kollu li kien juza t-telefon.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza giet intavolata mis-socjeta` attrici stante li qed issostni li hija kreditrici tal-konvenuti Michael u Mary Anne konjugi Falzon fis-somma ta' Lm6,545.06, l-ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon relattiv ghal-linja bin-numru 233951, gja 623951. Min-naha l-ohra, il-konvenuti eccepew li l-ammont mitlub huwa esagerat, u li l-ammont pretiz ghan-numru in kwistjoni, jirreferi ghall-perjodu meta dan in-numru ma kienx qed jintuza mill-konvenut, izda kien amministrat mill-Perit Edward Bencini, liema ammont kien kontestat ukoll mill-Perit Edward Bencini.

L-initmati ipprezentaw in-nota ta' osservazzjonijiet taghhom filwaqt li s-socjeta` attrici m'ghamlitx dan.

Illi in effetti jirrizulta mill-provi fl-atti tal-kaz, li dan l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici, minn dejjem kien kontestat mill-konvenuti. Da parti tal-konvenuti Falzon, sostnew li dak iz-zmien, in-numru tat-telefon in kwistjoni ma kienx qed jintuza minnhom. Fil-fatt intbaghtet korrispondenza li hija esebita a fol 41 u 42 tal-proces. Dan gie konfermat ukoll fix-xhieda ta' Michael Falzon. Min-naha l-ohra, il-Perit Edward Bencini, li huwa l-persuna Ii mexxiet l-ufficcju bejn l-1987 u l-1996 sostna li ikkuntattja lis-socjeta` attrici kemm-il darba sabiex jinghata rendikont ta' kif waslu ghal dan l-ammont pretiz, liema rendikont baqa' ma nghatax lilu. Da parti tal-Perit Bencini, intbaghtet diversa korrispondenza, hekk kif jidher esebit a fol 20 sa 24. Jirrizulta wkoll li fil-fatt thallas l-ammont ta' Lm2,100 peress li l-Perit Bencini sostna li dan kien l-ammont gust li kellu jithallas. Huwa sostna wkoll li fl-ittra tas-16 ta' Settembru 1994, kien talab li jigu *barred* it-telefonati internazzjonali tal-linja, u qal ukoll fix-xhieda tieghu li l-i*staff* kollu fl-ufficju kien juza t-telefon (fol 15).

Illi s-socjeta` attrici ippruvat li s-servizzi tat-telefon bin-numru 233951 kienu f'isem il-konvenut Michael Falzon (fol 5 sa 7). Di piu`, gew esebiti prospett li jindika l-qari tal-

*pulses* ghas-servizz telefoniku numru 233951, ghall-perjodu mit-2 ta' Jannar 1992 sal-14 ta' Jannar 1994 (fol 55 u 56), kif ukoll, kopja tal-*ledger* li jirreferi ghas-servizz telefoniku in kwistjoni (fol 57), kif ukoll kopji ta' l-ittri ufficjali mibghuta u notifikati lill-konvenuti (fol 58 sa 63 tal-process).

Irrizulta wkoll li bejn l-1991 u l-1994 is-socjeta` attrici (skond ma xehed il-Perit Bencini) ma kenitx tibghat kontijiet ghar-rigward tan-numru 233951 ghalkemm kienu jintbaghtu kontijiet dwar arretrati u li f'Lulju 1994 wasal kont ghas-somma ta' Lm7194.75, bazikament Lm6422.50 f'arretrati. Jigi osservat li dan il-kont kien mill-ewwel kontestat permezz ta' ittri. Gie sottomess li l-ammont mitlub kien iwassal ghal 14,387 *pulse reading* kull tliet xhur meta l-*average pulse reading* sa qabel l-1991 kien ta' 3,776. Kawza ta' dan il-Perit Bencini kienet baghat *cheque* ta' Lm2,100 fuq dak li ikkalkula hu. Jigi osservat li ghalkemm il-konvenuti talbu kontijiet dettaljati u *records* dwar il-linja in kwistjoni, din l-informazzjoni baqghet ma nghatatx. Sostnew ukoll li kienu talbu li ssir investigazzjoni biex jigi accertat kienx hemm xi hsara jew abbuz ta' terzi persuni. Il-Perit Bencini kien baghat 14-il ittra u kollha baqghu minghajr risposta, hlief ghall-wahda tal-15 ta' Dicembru 1997. Il-konvenuti issottomettew li l-*pulse readings* ma jurux kemm saru *calls* u lejn liema numri kienu diretti. Certament huwa dritt ta' *subscriber* li jkollu dawn id-dettalji fi zmien ragjonevoli.

Kif gie rilevat fil-kawza **Carmen Barbara et vs Anthony Spiteri et**, Prim'Awla, 08/01/2002, u **Paul Vassallo vs Carmelo Pace**, Appell Civili, 05/03/1986, min jallega jrid jipprova u dan japplika certament b'mod aktar qawwi meta *ab inizio* l-ammont *de quo* kien kontestat mill-konvenuti. Huwa ferm relevanti l-artikolu 562 tal-Kap 12 li jipprovdi:
"Bla hsara ta' kull dispozizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."

Ara f'dan ir-rigward ukoll **Mario Mifsud vs Carmelo Mifsud**, Appell Inferjuri, 12/11/2003. *Actor non probante, reus absolvitur* (ara Qorti ta' l-Appell Inferjuri – **Enrico**

**Camilleri vs Martin Borg**, 17/03/2003) u **Seychell vs Attard Gialanze`**, Prim'Awla, 04/07/2001).

Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-konventi li *statement* mahrug unilaterlament minn min jippretendi l-hlas mhux prova sufficjenti. F'dan il-kaz huwa difficli ghall-konvenuti li jippruvaw li t-telefonati ma sarux. Is-socjeta` attrici esebiet nota ta' *pulses* u giet mitluba ripetutament kemm mill-Perit Bencini kif ukoll mill-Perit Falzon ghal informazzjoni ulterjuri izda baqghu bla sodisfazzjon. Ma gie xejn sottomess mis-socjeta` attrici dwar possibbilta` ta' *faults* jew abbuzi.

Illi ghalhekk din il-Qorti hija rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn ghalkemm ghandha konvinzjoni li certu ammonti huma certament dovuti, min-naha l-ohra m'ghandhiex provi sufficjentement cari li jiggustifkaw li l-ammont kollu mitlub huwa dovut. Wara kollox kien jinkombi fuq is-socjeta `attrici li taghti sodisfazzjon dettaljat u fi zmien qasir lis-*subscriber* taghha dwar l-ammonti pretiza minnha biex dawn setghu gew verifikati f'dak l-istadju u mhux wara t-trapass ta' zmien sostanzjali. Dan mhux kaz ta' fejn il-gudikant ghandu zewg verzjonijiet it-tnejn plawsibbli u jrid joqghod biss fuq l-artikolu 562 tal-Kap 12, izda min-naha l-ohra l-Qorti mhix konvinta dwar il-possibbilta` ta' *faults* jew abbuzi li setghu kien hemm u fil-kaz in ezami thoss li s-soluzzjoni hija wahda fejn ghandha l-obbligu li tuza d-diskrezzjoni taghha ghal decizjoni *arbitrio boni viri*.

## E. KONKLUZJONIJIET:

Illi ghalhekk il-Qorti tilqa' t-tieni eccezzjoni li l-ammont mitlub huwa esagerat u sejra tipprovdi dwaru aktar 'l isfel. Tichad it-tielet eccezzjoni dwar li l-ufficcju intuza mill-Perit Bencini ghax dan fil-fatt kien qieghed jahdem fl-ufficcju bi ftehim mal-konvenuti. Dwar ir-raba' eccezzjoni qed tiehu din in konsiderazzjoni taghha flimkien mat-tieni eccezzjoni. Fic-cirkostanzi *arbitrio boni viri* tqis l-ammont dovut bhala wiehed ta' Lm2,000 ossija €4658.75 u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici dan l-ammont.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------